MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 227/2010

**Il- Pulizija**

**Vs**

**Paolu Schembri**

Il- Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Paolu Schembri talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' April 2009 Mejju 2009 u Gunju 2009, naqas li jaghti lil martu Mary-Aida Schembri u/jew lill-wild tieghu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is- somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistarati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Mejju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l- artikolu 338(z) u l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imsemmi Paolu Schembri hati u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) xhur ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u ordnat li jhallas is-somma ta' sitt mija u tlieta u tmenin euro (€683) fi zmien tliet (3) xhur;

Rat ir- rikors ta' l- appell ta' Paolu Schembri pprezentat fl-20 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, tirrevoka l-piena inflitta u minflok tapplika piena inferjuri kif sollecitat mic- cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal- kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti: (1) li fl-atti tal-kawza sar verbal mill-partijiet illi l-appellant wera li hu ma kienx fi grad illi jahdem, tant illi kien kostrett jieqaf jattendi ghax-xoghol u eventwalment gie *boarded out*; (2) li ghal perijodu twil qabel ma gie *boarded out* ma kellux dhul mill-impjieg tieghu ghaliex kien b'*sick leave*; (3) li fl-udjenza ta' l-10 ta' Mejju 2010 offra illi l-arretrati mhux imhallsa ta' manteniment jithallsu lil martu mir-rikavat tal-bejgh tal-gid komuni qabel ma jinqasam l-istess rikavat; (4) li l-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, gharfet u accettat illi l-appellant kien fizikament prevenut milli jahdem ghaliex kienet irrevokat l-ordni tal-hlas tal-manteniment b'effett retroattiv mid-data tal-*boarding out* tieghu mix-xoghol izda ma tatx kaz illi kien ilu ma jiflahx ghax-xoghol minn ferm qabel ma gie mitmum il-process tal-*boarding out*; (5) li ghalhekk l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta nfliggiet il-piena ghaliex ic-cirkostanzi ta' l-appellant kienu tali li hu qatt ma seta' jobdi l-ordni tal-Qorti tal-Familja; (6) li dak li l-legislatur irid jizgura bil-penalizzazzjoni ta'

kontravvenzjonijiet kontra l-ordni pubbliku huwa r-rispett lejn l-ordni pubbliku illi fil-kaz odjern jittraduci f'dizubbidjenza lejn ordni tal-Qrati. L-appellant ma kienx fi grad li jobdi din l-ordni u ma jistax ghalhekk jinghad illi n-nuqqas tieghu huwa ksur tal-ligijiet kriminali.

Il-verbal li ghalih jirreferi l-appellant u li sar quddiem l-ewwel Qorti fl-10 ta' Mejju 2010 huwa s-segwenti:

"Il-partijiet qeghdin jaqblu illi l-imputat *'boarded out'* mix-xoghol minhabba kondizzjoni serja f'dahru.

"Illi b'effett ta' digriet tal-Qorti tal-Familja datat 12 ta' Jannar 2010, il-manteniment gie retroattivament sospiz b'effett mit-13 ta' Mejju 2009. Illi l-imputat ilu ma jattendi ghax-xoghol minn qabel ma hareg *'boarded out'*. Ghaldaqstant id-difiza titlob li jigi ezentat milli tressaq dawn il-provi u joffru illi l-arretrati tal-manteniment jigu maqtugha mill-gid komuni mhallsa bhala preljev lil martu qabel il-qasma ta' l-istess gid, u dan peress illi huwa llum evidenti illi qatt mhu se jkun fi grad li jahdem."

Permezz ta' dan il-verbal huwa evidenti illi l-appellant kien qieghed jammetti li ma hallasx lil martu l-manteniment dovut ghall-perijodu li ghalih tirreferi c-citazzjoni u kien qieghed jissuggerixxi l-mod ta' kif jista' jsir tali pagament. Dan il-perijodu fil-fatt mhuwiex kolpit bid-digriet tal-Qorti tal-Familja li permezz tieghu l-hlas tal-manteniment gie sospiz b'effett mit-13 ta' Mejju 2009. Mela, l-iskadnzi kollha sa dik id-data huma dovuti. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri** deciz fit-18 ta' Settembru 2002:

**"… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond'Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn 1-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma' tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni**

**dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti tas-Sekond'Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha."**

Din il-Qorti tifhem il-pozizzjoni ta' l-appellant meta jghid illi huwa kien diga` ma jahdimx qabel id-data tal-*boarding out*. Izda l-Qorti tal-Familja ddecidiet illi d-data tas-sospensjoni kellha tibda mit-13 ta' Mejju 2009. Jekk l-appellant ma setax jahdem minn zmien twil qabel – u kemm kien twil dan iz-zmien ma jirrizultax – imissu adixxa l-Qorti kompetenti tempestivament. Konsegwentement in-nuqqas ta' l-appellant li jhallas l-iskadenzi hawn in kwistjoni jissarraf fi ksur ta' ordni tal-Qorti u ghalhekk bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li, wara kollox, huwa reat ta' natura kontravvenzjonali.

Kwantu ghall-mod kif l-ewwel Qorti ttrattat ma' l-appellant, jirrizulta illi huwa nghata *conditional discharge* ghal tliet xhur. Issa, din proprjament mhijiex piena. Wiehed forsi jista' jitkellem dwar il-possibilita` ta' *a deferred punishment* jekk l-appellant jikkommetti reat iehor fi zmien dawk it-tliet xhur. Izda mhijiex certament piena fis-sens ta' piena retributtiva. Huwa ghalhekk evidenti illi l-ewwel Qorti wkoll fehmet il-pozizzjoni partikolari ta' l-appellant meta giet biex tiddisponi mill-kaz. Sahansitra kkoncediet zmien konsiderevoli sabiex ikun jista' jsir il-hlas.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata jibda jiddekorri millum filwaqt illi l-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u tmenin euro (€683) lil mart l-appellant ghandu jsir sa zmien sitt xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------